# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Numru: 2626

Kaz Nru: 3453/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Charlton Calleja ( KI: 201791M)

vs

Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C 48875) et u li wara digriet datat 15 ta' Novembru 2018 Malta Public Transport Services Limited (C 63328) ghandha tigi lliberata mill-gudizzju

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ); FIPD Illum 5 t'April, 2018**

**Illum il-Hamis 31 t'Ottubru, 2019**

**L-Okkju**

L-okkju originali kien Charlton Calleja vs Malta Public Transport Services (Operations) Limited u Malta Public Transport Services Limited.

Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2018 it-Tribunal iddegreta li l-Malta Public Transport Services Limited hija lliberata mill-gudizzju u ghalhekk l-okkju sar "Charlton Calleja vs Malta Public Transport Services (Operations) Limited".

## 1. Introduzzjoni

Dan il-Kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ipprezentat fil-Qorti fis-16 ta' Marzu 2016.

Il-punti ewlenin tar-rikors u tad-dikjarazzjoni tal-Kaz, liema dikjarazzjoni waslet ghand it-Tribunal fit-22 ta' Settembru 2016, huma:

1.1. ir-Rikorrent kien impjegat mas-Socjeta` Ntimata[1] *full time* ghal zmien indefinit bhala VDL (*Video Data Link*) *Controller* mit-3 ta' Lulju tal-2011[2]. Huwa qatt ma nghata *warning* bil-miktub. L-impjieg tieghu kien itterminat permezz ta' ittra datata 16 ta' Novembru 2015 ghal raguni ta' dixxiplina. Ir-Rikorrent talab lit-Tribunal jiddikjara li t-tkeccija kienet ingusta u talbu wkoll illi jaghti l-provvedimenti kollha f'dar-rigward ai termini tal-Artiklu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz li s-Socjeta` taccetta lill-esponenti lura ghax-xoghol.

1.2. Is-Socjeta` wiegbet illi:

it-talbiet tar-Rikorrent kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt. Ir-Rikorrent kellu twissija bil-miktub ghal incident li sehh fis-7 ta' Mejju 2012, u twissija ohra bil-miktub datata 6 ta' April 2015. Fil-15 ta' Ottubru 2015 ir-Rikorrent irrifjuta li jaqdi dmirijietu; tali *gross misconduct* ippregudika serjament il-abbilita` tas-Socjeta` li tikkontrolla l-operat taghha u fid-dawl tal-istorja dixxiplinarja tar-Rikorrent immeritat it-tkeccija; il-process dixxiplinarju sar in konformita` mal-proceduri vigenti u applikabbli. Konsegwentament is-Socjeta` talbet lit-Tribunal jiddikjara li t-tkeccija saret ghal raguni gusta ai termini tal-Kap 452.

**2. Il-Kaz**

2.1. L-ittra ta' tkeccija (Dok. MPT11) tghid illi t-tkeccija saret minhabba kondotta hazina hafna peress illi r-Rikorrent irrifjuta, minghajr gustifikazzjoni, li jikkontrolla 25 karozza tal-linja bir-rizultat illi (a) f'Ghawdex, *bus* ma kenitx allokata, u ohra kienet allokata hazin, u (b) il-karozzi tal-linja ta' Ghajn Tuffieha ma kenux ikkontrollati u lanqas allokati lir-rotot rispettivi taghhom. Dan ghamilha mpossibbli li s-Socjeta` tikkontrolla l-puntwalita` tal-buses u li tara li qed jimxu skond kif kienu pprogrammati u pogga lis-Socjeta` f'riskju li ggarrab danni serji. Ir-Rikorrent kiser id-dmirijiet tieghu u ma obdiex l-istruzzjonijiet tas-superjur tieghu, struzzjonijiet ragjonevoli u li kienu parti mid-dmirijiet normali tar-Rikorrent. Is-Socjeta` hadet did-decizjoni fid-dawl ukoll tat-twissija bil-miktub tas-26 ta' Marzu 2015 dwar l-installar ta' *software* fil-*computer* tal-Kumpanija.

2.2. Ir-rwol li ghalih ir-Rikorrent kien impjegat mis-Socjeta`:

Bhala wiehed mill-kontrolluri, xoghol ir-Rikorrent kien dak illi jizgura li l-karozzi tal-linja jkunu lloggjati fis-sistema u li jkunu qed jaghmlu dak illi jkunu ppjanati li jaghmlu, inkluza l-puntwalita`.[3] Huwa kien ukoll jikkorrispondi bl-emails dwar *collisions*, *breakdowns*, iwiegeb

---

[1] Li minn hawn 'il quddiem hija riferuta bhala, "is-Socjeta`"

[2] Il-kuntratt tal-impjieg (Dok. MPT1) ma' Arriva Malta Limited, il-kumpanija li tat is-servizz tat-trasport pubbliku Malti permezz tal-karozzi tal-linja qabel is-Socjeta`, juri li l-impjieg dahal fis-sehh fit-8 ta' Gunju 2011; did-data tal-bidu tal-impjieg kienet ikkonfermata mill-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2017. Dok. MPT2 juri li r-Rikorrent ghamel kuntratt iehor ma' Arriva Malta Ltd biex jahdem maghha bhala *Route Controller*; id-data tal-bidu tal-impjieg bhala *Route Controller*, f'dad-Dokument thalliet vojta! Fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2017 il-partijiet qablu li d-data tal-*appointment* bhala *Route Controller* kienet is-7 ta' Frar 2012.

[3] Xiehda tas-Sur Alvarez fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2016

telefonati minghand xufiera tal-*buses, interchange operators* u l-pubbliku (*customer care*).[4] Ir-Rikorrent xehed illi ghamel xi 8 xhur bhala *Route Controller*, li kien xoghol illi jsir fuq barra, imbaghad raga' lura ghal VDL *Controller*[5].

2.3. Il-Kaz huwa ppernjat fuq zewg incidenti – dak tat-22 ta' Marzu 2015 li spicca bi twissija bil-miktub u l-iehor tal-15 ta' Ottubru 2015, illi spicca bit-tkeccija. Is-sustanza taz-zewg incidenti:

2.3.1. L-incident tat-22 ta' Marzu 2015:

Skond is-Socjeta`, nhar it-22 ta' Marzu 2015 ir-Rikorrent installa minghajr l-awtorizzazzjoni tas-Socjeta` *torch browser* fuq il-*computer* tas-Socjeta`, liema *computer* kien fdat f'idejn ir-Rikorrent biex ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala mpjegat tas-Socjeta`; tali *browser* seta' dahhal *virus* fis-*software* tal-VDL *Control*;[6] barra minn hekk, permezz tat-tali *browser* ir-Rikorrent sata' jkollu access ghal *websites* li ma kellhomx x'jaqsmu max-xoghol tar-Rikorrent; meta r-Rikorrent irrealizza li d-Dipartiment tal-Informazzjoni Teknologika tas-Socjeta` kien qed jiccekkja mill-*Head Office* il-*computer* li kien ghall-uzu tar-Rikorrent, ir-Rikorrent hareg il-*browser* mis-sistema.[7] Fl-affidavit tieghu, mehuda bil-gurament nhar it-30 ta' Jannar 2017, is-Sur Alvarez xehed illi d-Dipartiment tal- *IT* tas-Socjeta` nduna li r-Rikorrent kien stalla *torch browser* meta kkonnettjaw remotement mal-*computer* tar-Rikorrent biex jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni.

Is-Socjeta` harget *charge* lir-Rikorrent u tat zmien lir-Rikorrent biex jiddefendi l-agir tieghu. Ir-Rikorrent ma wegibx ghac-*charge*. Meta skada z-zmien u s-Socjeta` ma semghetx minghand ir-Rikorrent hargitlu twissija bil-miktub, liema twissija ma kenitx ikkontestata.

2.3.2. L-incident tal-15 ta' Ottubru 2015:

2.3.2.1. Is-Sur Alvarez, fix-xiehda tieghu xehet dawl fuq l-importanza li kull karozza tal-linja tkun illoggjata fis-sistema[8]. Jekk *bus* tkun illoggjata s-Socjeta` tkun tista` tkun taf jekk ix-xufier jaqbisx xi *bus stop*, jew jekk isuqx il-karozza tal-linja minn triq illi mhux suppost ighaddi minnha. Is-Socjeta` tkun tista' wkoll tghin lix-xufier jekk ikollu l-htiega. Is-Socjeta` tibghat rapport kuljum lill-Awtorita` Maltija tat-Trasport u jekk xarabank ma tkunx illoggjata tkun meqjusa li l-vjegg ma sarx. Ta' dan, l-Awtorita` twahhal multa lis-Socjeta`. Id-*data* li jigbru l-kontrolluri hija mportanti wkoll peress illi tintuza biex in-*network* li tibni s-Socjeta` tkun realistika.

---

[4] Xiehda tar-Rikorrent tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017
[5] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017
[6] Dok. MPT4, u MPT5
[7] L-affidavit tas-Sur David Alvarez Garcia, *Operations Director* tas-Socjeta`, tat-30 ta' Jannar 2017
[8] Pagna 9 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Novembru 2016

2.3.2.2. Is-Sur Alvarez issokta jixhed illi fil-kaz specifiku tal-15 ta' Ottubru 2015 ir-Rikorrent halla barra 24% tad-*data* fuq ir-rotta ta' Ghawdex u 75% fuq ir-rotta ta' *Golden Bay*[9]. F'dak il-kaz (ta' Ghawdex) l-Awtorita` tqis illi 25% tal-vjeggi li kellhom isiru ma sarux avolja fil-fatt ikun saru; la s-Socjeta` ma tkunx tista' tissottometti l-provi li tali vjeggi saru, ghall-Awtorita` dawk il-vjeggi ma sarux.

2.3.2.3. Fl-affidavit tieghu, li ma giex ikkontestat, is-Sur Alvarez xehed illi d-difiza tar-Rikorrent waqt is-smigh tal-Bord tad-Dixxiplina tas-Socjeta` kienet tikkonsisti f'illi r-Rikorrent qal illi ma satax ilahhaq peress illi kellu hafna telefonati minhabba kollizjonijiet u hsarat fil-karozzi tal-linja. (Gheluq tar-riferenza ghax-xiehda fl-affidavit.)

Dok. MPT6 hija kopja tal-*Collision Log Sheet*. Din turi li fil-15 ta' Ottubru 2015 fuq ir-rotot ta' Ghawdex kien hemm zewg kazi ta' kollizjoni jew hsara li jgibu l-inizjali tar-Rikorrent, wahda fis-6.04 am u l-ohra fis-7 am. L-incident illi kkonvinca lis-Socjeta` biex tkecci lir-Rikorrent gara ghal xi l-5.00 pm.

Dan ma giex kontestat effettivament [10]mir-Rikorrent waqt is-smiegh mit-Tribunal u lanqas ma r-Rikorrent tella' jixhed lill-persuna li ddefenda lir-Rikorrent, is-Sur Lino Debono,[11] waqt il-process dixxiplinarju tas-Socjeta`.

2.3.2.4. "Fil-15 ta' Ottubru 2015, … meta r-Rikorrent intalab biex jaghmel xogholu mis-*Supervisor* tieghu, dan sfaccatament beda jirrifjuta li jaghmel ix-xoghol tieghu … meta fil-gurnata normali (il-*Controllers*) ikollhom *average* ta' 40 xarabank x'jikkontrollaw … hu kien assenjat 25 … u meta ngibditlu l-attenzjoni hu rrifjuta li jaghmel dan u qallu lis-*Supervisor* tieghu, 'Inti jekk trid dahhal izjed nies biex jaghmlu dan ix-xoghol.' … Inhareg *charge* fil-5 ta' Novembru.[12]" Ix-xiehda tas-Sur Raimondo, *North Area Manager* tas-Socjeta`, li kien prezenti waqt l-incident, tghid illi, "Alvaro (is-superjur dirett tar-Rikorrent) … ghajjat lil Charlton u qallu biex speci jikkontrolla sew iz-zewg *zones* li kellu ghax kien hemm hafna *buses* mhumiex illoggjati. Dak il-hin Charlton irrisponda bil-mod kif irrisponda."[13] "… u r-risposta kienet daqsxejn b'ton aggressiv."[14] Is-Sur Fernandez xehed illi r-Rikorrent wiegbu b'lehen gholi u b'ton maledukat.[15]

Dix-xiehda ma kenitx ikkontestata mir-Rikorrent.

---

[9] Pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2017

[10] Ir-Rikorrent ghall-ewwel xehed, "… ma nistax nghid veru jew mhux ghax … il-*management* ta' dal-*logs* huma l-istess Kumpanija." Anqas minn minuta wara xehed, "… nista' nghid illi naqbel ma' li qalu huma …" (pagna 19 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017)

[11] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Frar 2019

[12] Pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2016

[13] Pagna 6 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2017

[14] Pagna 11 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2017

[15] Pagna 6 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2017

2.3.2.5. Li r-Rikorrent ma satax ilahhaq maz-zewg rotot gie kkonfermat illi kienet hliqa tar-Rikorrent. "Min kien jinzerta dawk iz-zewg gruppi (responsabbli ghar-rotot ta' Ghawdex u *Golden Bay*) ikun speci l-ghira tal-kollegi tieghu.[16]"

2.3.2.6. Sar smiegh dixxiplinarju ntern li matulu r-Rikorrent kien assistit mill-Unjon tieghu. Fix-xiehda taghha[17] *Ms* Galea, *HR Executive* tas-Socjeta`, qalet illi waqt is-smiegh dixxiplinarju, bhala difiza r-Rikorrent qal illi ma kellux cans jikkontrolla l-*buses* ghaliex kien hemm trakkijiet mahbutin jew weqfin illi kien qieghed jihu hsieb. Meta l-*Management* iccekkjaw il-*logs* ma sabu xejn minn dan[18]. Ghas-Socjeta` dan kien att car ta' *insubordination*. Wara das-smigh kien deciz illi r-Rikorrent jitkecca. Ir-Rikorrent appella d-decizjoni permezz ta' procedura nterna tas-Socjeta`; fl-appell id-decizjoni giet ikkonfermata.

**3. Xiehda**

3.1. Ix-xiehda tas-Socjeta` kienet konsistenti u ezawrjenti. Il-motivazzjoni tat-tkeccija giet ipprovata kemm permezz ta' xiehda orali kif ukoll dik dokumentata.

3.2. Ir-Rikorrent tella' erba' xhieda dwar l-incident ta' Ottubru – is-Sinjuri Evarist Brancaleone, Jovan Ellul, Roderick Micallef, u Emmanuel Camilleri. L-ewwel tlieta ma kenux konsistenti fix-xiehda li taw. Ir-raba' wiehed ma kienx prezenti waqt l-incident u ghalhekk ix-xiehda tieghu hija inutli.

3.3. Spjegazzjoni ghaliex it-Tribunal sab nuqqas ta' attendibilita` ta' partijiet tax-xiehda tas-Sinjuri Brancaleone, Ellul, u Micallef:

3.3.1. Bicca mit-testimonjanza orali tas-Sur Brancaleone kkontradiciet dikjarazzjoni bil-miktub illi kien ghamel l-istess xhud lis-Socjeta`; fid-dikjarazzjoni kiteb illi r-Rikorrent qal lis-Superjur tieghu li ma satax ilahhaq maz-zewg rotot, talab direzzjoni fuq liema rotta ghandu jaghti prijorita` u qallu li jekk (is-superjur tar-Rikorrent) ried iktar *coverage* kellu jmur u jimpjega aktar nies[19]; pero` fix-xiehda orali qal illi kulma r-Rikorrent qal lis-superjur tieghu kien li talbu biex ighidlu minn liema rotta jibda ghax ma satax ilahhaq u li ma qal xejn izjed lis-superjur tieghu[20].

3.3.2. Dal-istess xhud u s-Sur Micallef xehedu li s-superjur dirett tar-Rikorrent zied rotta biex tinhadem mir-Rikorrent; dix-xiehda ma qablitx max-xiehda l-ohra kollha,

---

[16] Xiehda tas-Sur Raimondo, pagna 13 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2017
[17] Pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2016
[18] F'punt 8 tar-risposta taghha ghar-Rikors Promutur is-Socjeta` kitbet illi, "l-*logs* annessi Dok. MPT7 u MPT8 juru li dak in-nhar ma kienx hemm ammont kbir ta' incidenti jew kollizjonijiet li setghu fixklu lir-Rikorrent milli jaqdi dmirijietu kif suppost normalment." It-Tribunal sab illi din il-verzjoni hija aktar konformi mal-fatti skond ir-*records* tal-habtiet u hsarat. It-Tribunal iqis illi, "… xejn minn dan", ippronunzjata minn Ms Galea, hija espressjoni generika biex turi li l-hsarat u kollizjonijiet imsemmija mir-Rikorrent kienu insinifikanti, kif huwa ampjament ippruvat mis-Socjeta` fl-atti tal-process.
[19] Anness ta' MPT9
[20] Pagni 3, u 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat- tal-10 ta' Jannar 2019

inkluza dik tar-Rikorrent innifsu,[21] li qalet illi xoghol ir-Rikorrent kien fuq zewg rotot (jigifieri r-rotot kienu allokati lir-Rikorrent mill-bidu u ma kenitx sitwazzjoni illi r-Rikorrent beda b'rotta wahda li giet mizjuda b'ohra). Is-Socjeta` u r-Rikorrent innifsu dejjem sostnew illi r-rotot ta' Ghawdex u ta' Ghajn Tuffieha kienu allokati lill-*Controller* tax-xift ta' qabel dak tar-Rikorrent, u r-Rikorrent sempliciment irrimpjazza lill-*Controller* ta' qablu.

3.3.3. Is-Sur Brancaleone l-ewwel xehed illi Ghawdex u *Golden Bay*, "… huma *areas* kbar …[22]" Meta l-Avukat li kien qed jassisti lis-Socjeta` gharraf lis-Sur Brancaleone li xhieda ohrajn qalu li Ghawdex u *Golden Bay* kienu l-ehfef is-Sur Brancaleone wiegeb, "… Ghawdex huwa relattivament kwiet …[23]". U, "Iva, (in-numru tal-buses fuq ir-rotta ta' *Golden Bay*) ikun anqas mill-ohrajn ….[24]"

3.3.4. Is-Sur Brancaleone xehed ukoll illi, "… jista' jkollok Ghawdex u *Golden Bay*[25] …", li tikkonferma x-xiehda tar-Rikorrent u tas-Socjeta`, u xehed sahansitra li fuq Gozo-*Golden Bay,* "Aktar lahhaqt milli le."[26] Dix-xiehda tikkonferma l-allegazzjoni tas-Socjeta` li r-Rikorrent sata' lahhaq kieku ried. Naturalment, it-Tribunal mhux se joqghod fuq ix-xiehda tas-Sur Brancaleone la ma ghandux fiducja fiha; izda huwa nteressanti li xhud imtella' mir-Rikorrent ma jikkonfermax ghal kollox l-allegazzjoni tar-Rikorrent.

3.3.5. Is-Sur Micallef kien ta dikjarazzjoni bil-miktub, annessa ma' Dok. MPT9, lis-Socjeta` li fiha stqarr illi meta s-Sur Fernandez gibed l-attenzjoni tar-Rikorrent biex jilloggja r-rotot ta' Ghajn Tuffieha r-Rikorrent saqsih biex ighidlu lil liema rotot ghandu jaghti prijorita` - jekk hux dawk ta' Ghawdex inkella ta' Ghajn Tuffieha – ghax ma setax jikkontrollhom it-tnejn <u>u kien ikun ahjar jekk izidu l-impjegati</u> (is-sottolinear huwa tat-Tribunal). Izda fix-xiehda tieghu fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2019 qal illi kull ma r-Rikorrent qal lis-Sur Fernandez kien, "Ghidli minn liema triq nibda ghax … jiena ma nistax illahhaq. … Dak illi qallu Charlton. Jigifieri lanqas qallu xejn."[27]

3.3.6. Fix-xiehda orali tieghu s-Sur Micallef ghall-ewwel sahaq illi min ikollu r-rotta ta' Ghawdex ma jkollux rotta ohra u dan ghaliex ikollu l-*black buses*[28]imbaghad qal illi huwa gieli ma lahhaqx meta kellu 'l Ghawdex u Ghajn Tuffieha![29]Mela kienet tezisti r-rotta Ghawdex u Ghajn Tuffieha.

---

[21] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017
[22] Pagna 18 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2018
[23] Pagna 19 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2018
[24] Pagna 20 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2018
[25] Pagna 11 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2018
[26] Pagna 23 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2018
[27] Pagna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2019
[28] Karozzi tal-linja li jkunu fis-servizz izda ma jkunux illoggjati fis-sistema
[29] Pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2019

3.3.7. Fit-testimonjanza tieghu s-Sur Ellul l-ewwel xehed illi kien hemm tahwid fir-*roster* tar-rotot u implika li tali tahwid kienet tahti ghalih is-Socjeta` biex wara mistoqsijiet persistenti mill-Avukat illi assista lis-Socjeta`, Dott. Thomas Bugeja, ddikjara li l-bdil fir-rotot kien isir fuq talbiet tal-impjegati.[30] Huwa xehed ukoll illi l-incident qam meta lir-Rikorrent zidulu r-rotta ta' Ghajn Tuffieha[31]. Sekondi wara xehed, "… ezatt x'gara ma nafx."

## 4. Tkeccija mill-impjieg vs l-istat ekonomiku tal-pajjiz

Is-Socjeta` kkummentat illi f'socjeta` fejn ix-xoghol ifittex lil min jaghmlu minflok min-hu-qieghed ifittex ix-xoghol, it-tkeccija mill-impjieg titlef hafna mill-gravita` taghha tant illi ma ghandhiex titqies bhala *capital punishment*[32].

It-Tribunal iqis illi tkeccija fiha nnifisha taffettwa d-dinjita` ta' min jitkecca, taghmilhielu iebsa biex isib impjieg alternattiv, u tiddistabbilizzalu c-cirkustanzi tieghu. Jista' jkun illi l-ex impjegat isib impjieg ahjar, bhalma r-Rikorrent irnexxielu jsib, izda sakemm isib impjieg alternattiv l-ex impjegat jista' ighaddi minn tbatija psikologika u finanzjarja. Ghalhekk it-Tribunal jikkunsidra decizjoni ta' tkeccija bhala wahda ahharija u dan fl-interess ukoll ta' l-azjenda ghaliex ma jaqblilhiex titlef persuna li tkun investiet fiha u jkollha tghaddi minn ezercizzju kostuz biex tirrimpjazza lill-ex impjegat u tharreg lill-impjegat il-gdid. Jigifieri, ghalkemm huwa minnu li hemm differenza fil-prospetti ta' sejba ta' mpjieg alternattiv bejn meta t-tkeccija ssir f'dik il-parti tac-ciklu ekonomiku tal-pajjiz li jkun prosperu u meta ssir f'fazi ta' dipressjoni, ghat-Tribunal tkeccija hija decizjoni li trid tittiehed bl-akbar serjeta` u responsabbilita` f'gharfien ragjonevoli tar-riperkussjonijiet li jistghu jinholqu lill-impjegat koncernat.

## 5. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal

5.1. L-ittra tat-tkeccija spjegat illi r-rifjut tar-Rikorrent illi jaqdi dmirijietu kkostitwixxa *gross misconduct*. Ziedet tghid illi r-Rikorrent alloka rotta zbaljata[33] lil zewg *buses* u l-ebda wahda mill-*buses* ta' Ghajn Tuffieha ma kienu kkontrollati u anqas allokati r-rotot rispettivi taghhom. Skond il-*Management*, dan kien ifisser illi ma setghux ikunu kkontrollati l-puntwalita` u r-*reliability* taz-zewg *buses* ta' Ghawdex u tal-*buses* kollha ta' Ghajn Tuffieha nhar il-15 ta' Ottubru 2015.

5.2. *Gross misconduct* tista' tfisser tkeccija mmedjata, skond l-ittra tat-tkeccija, tas-16 ta' Novembru 2015 (Dok. MPT11). Ghat-Tribunal mhux car jekk tali tifsira tohrogx mill-implikazzjoni tat-tifsira lessikografika jew inkella tohrogx mill-Ktejjeb tal-Impjegati li hemm riferenza ghalih fil-kuntratt tal-impjieg tar-Rikorrent mas-Socjeta`

[30] Seduta tat-22 ta' Frar 2018
[31] Pagni 30, u 31 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-22 ta' Frar 2018
[32] Pagni 11, u 12 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-4 ta' Lulju, 2019
[33] l-*email* ta' David Alvarez tas-16 ta' Ottubru 2015 tghid illi xarabank wahda ma kenitx allokata u ohra kienet allokata lil rotta zbaljata

u li kopja tieghu ma gietxipprezentata lit-Tribunal[34]. Hija uzanza li f'azjendi tal-kobor tas-Socjeta` il-Ktejjeb tal-Impjegati jghid illi *gross misconduct* jikkostitwixxi gustifikazzjoni ghal tkeccija li tista' tkun sommarja.

5.3. Irrispettivament minn dan, ir-Rikorrent kellu erba' snin ta' esperjenza bhala *Controller* u b'hekk kien jaf tajjeb l-importanza kbira li xoghol ta' *Controller* kien jinvolvi u kif jaffettwa l-prestazzjoni tal-Kumpanija fir-rigward tal-impenn illi hija ghandha versu l-pubbliku u kif kienet esposta ghal multi jekk hija ma tatix kont tal-efficjenza tas-servizzi taghha lill-pubbliku.

5.4. Is-Sur Alvarez spjega r-raguni tat-tkeccija u cioe`, "*It's clear he refused. The data is telling us that. We have the witness of Alvaro, of Daniel Raimondo, … three different Controllers who said the same thing as Alvaro and Raimondo, and as well we have the data. … it's a case of insubordination because he (ir-Rikorrent) refused. Mr Fernandez, his Manager, told him what he had to do and it is clear that he refused to do it. The data, the performance of his work, is there, and it's clear that he refused … to follow the instruction that … his Manager gave him.*"[35]

5.5. Fir-rikors promotur u d-dikjarazzjoni tal-Kaz ir-Rikorrent ghamel allegazzjoni li waqt is-smigh mit-Tribunal irrizulta li ma kkorrispondietx mal-fatti. Tali allegazzjoni kienet, "… l-esponent …qatt ma nghata *warning* bil-miktub". Is-Socjeta` gabet lit-Tribunal provi ta'zewg twissijiet bil-miktub. Dok. MPT3 juri twissija bil-miktub datata 14 ta' Gunju 2012. Peress illi dit-twissija kienet tghid illi hija kienet valida ghal sena u hekk kif tkun ezawrita s-sena t-twissija titnehha mid-*dossier* tar-Rikorrent it-Tribunal mhux se jqisha fid-deliberazzjoni tieghu rigward il-mertu tal-Kaz. It-twissija l-ohra, Dok. MPT5, dwar l-incident tat-22 ta' Marzu 2015, pero` ffurmat parti essenzjali mill-motivazzjoni tat-tkeccija.

5.6. Filwaqt illi l-provi u t-testimonjanza tas-Socjeta` kienu kredibbli, dawk tar-Rikorrent (li kienu jikkonsistu f'testimonjanza orali) u tax-xhieda li tella' kellhom nuqqas serju ta' attendibilita`.

5.6.1. Filwaqt illi fid-difiza tieghu waqt is-smiegh dixxiplinarju li s-Socjeta` ghamlet rigward ic-*charge* tal-incident ta' Ottubru ir-Rikorrent kien gab l-iskuza li kien hemm diversi rapporti ta' hsarat u kollizjonijiet, fix-xiehda tieghu tas-seduta tat-Tribunal tat-23 ta' Novembru 2017 ir-Rikorrent xehed illi ma kienx jiftakar jekk dak in-nhar tal-incident kienx hemm hsarat u kollizjonijiet![36]It-Tribunal ma jistax

[34] Il-kuntratt tal-impjieg ighid illi materji ta' kondotta u lmenti huma regolati mill-Ktejjeb tal-Impjegati, liema Ktejjeb jifforma parti mill-kuntratt tal-impjieg (Dok. MPT1, u MPT2).

[35] Pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2017

[36] Pagna 19 tat-traskrizzjoni

jaccetta li ex impjegat ma jiftakarx il-gustifikazzjoni li gab hu stess bhala difiza ghal incident illi wassal ghat-tkeccija ta' l-ex impjegat!

5.6.2. U wkoll, ir-Rikorrent xehed illi (wara li tkecca) kien irregistra mal-Jobsplus.[37]Dok. JS2, li huwa r-Registration History tar-Rikorrent mal-Jobsplus juri li dan ma kienx minnu!

5.7. Ir-*records* tas-Socjeta` juru li fl-ahhar tax-xift tar-Rikorrent kien hemm nuqqas serju tal-loggjar min-naha tieghu. Ir-Rikorrenti baqa' fix-xift tieghu wara l-incident.[38] U, "… hu baqa' hemmhekk u kompla xogholu."[39] Madankollu xorta baqa' ma ghamilx dak illi kien gie ordnat illi jaghmel, illi fuq kollox dak illi kien ordnat jaghmel kien ix-xoghol normali tieghu. Il-*logs* ipprezentati mis-Socjeta` annessi mad-Dok. MPT8 [40]juru li din kienet is-sitwazzjoni fil-11.25 pm tal-15 ta' Ottubru 2015, jigifieri lejn tmiem ix-xift ta' dik il-gurnata. Huwa car ghalhekk illi r-Rikorrent baqa' jaghmel ta' rasu anki wara li s-superjur tieghu gibidlu l-attenzjoni, u baqa' ma lloggjax kollox.

5.8. Ghall-mistoqsija tal-Avukat illi assistietu, Dott. Carina Bugeja Testa[41], "Dak in-nhar (tal-incident) x'kellek rotot?" ir-Rikorrent wiegeb, "*Gozo* u *Golden Bay*[42]." Ma xehedx illi l-ewwel kellu *Gozo*, imbaghad zidulu *Golden Bay*. Ftit wara [43]spjega li dik ir-rotta kien qed jaghmilha l-*Controller* tax-xift ta' qabel ix-xift tar-Rikorrent. Fix-xiehda tieghu fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2017 ir-Rikorrent qal illi r-rotot ma kenux imposti fuqu izda, "Kienu jinqasmu l-istaff bejnietna.[44]" Mela ma kienx il-kaz illi s-Socjeta` ziditlu x-xoghol fuq dak illi kellu![45] Dan kien ikkonfermat ukoll ghaliex fl-affidavit tieghu, mehuda bil-gurament nhar it-12 ta' Jannar 2017, is-Sur Alvaro Fernandez xehed illi s-Sur Alvarez gibidlu (lis-Sur Fernandez) l-attenzjoni li kien hemm diversi buses fuq ir-rotot ta' Ghawdex u ta' Ghajn Tuffieha li ma kenux illoggjati. Is-Sur Fernandez xehed ukoll illi huwa saqsa lir-Rikorrent ghaliex dan ma kienx qed jikkontrolla l-buses fuq Ghawdex u Ghajn Tuffieha. La s-Sur Fernandez mar dritt fuq ir-Rikorrent sinjal illi z-zewg rotot kienu fil-kontroll tar-Rikorrent fl-istess hin. Ma kienx il-kaz illi s-Socjeta` ziedet ix-xoghol lir-Rikorrent matul ix-xift tieghu kif allegaw uhud mix-xhieda li tella' r-Rikorrent. U mela r-Rikorrent ma kellux

[37] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-4 ta' April 2019
[38] Xiehda tas-Sur Raimondo fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2017, pagna 8 tat-traskrizzjoni
[39] Xiehda tas-sur Raimondo fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2017, pagna 12 tat-traskrizzjoni
[40] id-dokument ipprezentat lit-Tribunal mhux immarkat MPT8 izda din hi l-ispjegazzjoni moghtija mis-Socjeta` f'pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Novembru 2016
[41] Mis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2018 'l quddiem il-patrocinju tal-assistenza tar-Rikorrent ghadda minghand l-Avv. Bugeja Testa ghall-Avv. Anthea Witney Turner
[42] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017
[43] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017

[44] Pagna 17 tat-traskrizzjoni
[45] Is-Sur Daniel Raimondo, North Area Manager u Interim Manager tal-*Control Room* jassisti lis-Sur Alvaro Fernandez Zamanillo, "… dak in-nhar Charlton kellu l-*batch* ta' *Golden Bay* u l-*batch* ta' *Gozo* …."

raguni valida ghaliex allega li ma setax ilahhaq ghax dik kienet rotta li kienu jahdmuha *Controllers* ohra!

5.9. Ir-Rikorrent xehed illi kellu jaghmel arrangamenti ghar-*refuelling* tal-*buses* u ghalhekk ma setax ilahhaq maz-zewg rotot ta' Ghawdex u Ghajn Tuffieha. Fis-smiegh dixxiplinarju tas-Socjeta` huwa ma semmiex il-fattur tar-*refuelling*. Jigifieri anki kieku kellu ragun illi ma lahhaqx maz-zewg rotot minhabba r-*refuelling*, la ma kienx gab din bhala gustifikazzjoni waqt is-smiegh dixxiplinarju li sar qabel it-tkeccija, is-Socjeta` ma tistax tigi kkritikata li ma tatx kaz ta' tali gustifikazzjoni.

5.10. Izda anki dil-iskuza tar-*refuelling* giet migjuba fix-xejn mis-Socjeta` waqt is-smiegh mit-Tribunal permezz tax-xiehda tas-Sur Raimondo, peress illi jekk kien hemm *refuelling* meta s-Sur Fernandez gibed l-attenzjoni tar-Rikorrent u qallu biex jilloggja l-*buses* kollha kif kien suppost, kien hemm *refuelling* ta' *bus* wahda; kien x'kien, xehed is-Sur Raimondo, zgur ma kienx hemm aktar minn zewg kazi li bihom ir-Rikorrent kellu jgharraf lid-*dispatchers*,u biex igharraf lid-*dispatchers* illi *bus* kellha bzonn ta' *refuelling* (jew ghal xi raguni ohra) halli dawn jahsbu ghal *bus* ohra ma kellux jiehu aktar minn hames minuti.[46]

5.11. Is-Sur Alvarez xehed ukoll illi fiz-zmien ta' meta gara l-incident tal-15 ta' Ottubru 2015, illi spicca fi tkeccija, is-Socjeta` kienet talbet lill-*Controllers* illi jiffokaw fuq l-illoggjar tal-*buses*, ghaliex minn hemm setghet tigi kkalkolata r-*reliability* tal-*buses*. Il-*performance* tal-*Controllers* kienet qed tiddependi minn kemm jirnexxilhom jilloggjaw tajjeb il-*buses* kollha tar-rotot li kienu qed jikkontrollaw.[47]Din taghmel l-agir tar-Rikorrent aktar gravi peress illi huwa agixxa kif agixxa proprju f'fazi fejn sfida lis-Socjeta` dwar ezercizzju li hi dehrilha li kien essenzjali f'dak iz-zmien partikolari.

5.12. Rigward l-incident tat-22 ta' Marzu 2015, "Il-warning … kien relatat mal-istallazzjoni ta' *browser* jigifieri *software* … dan hu *torch browser* jismu. Huwa *browser* li jaqbez il-*firewall security* tal-Kumpanija …."[48] Ir-Rikorrent ikkonferma li s-*software* in kwistjoni kien jevadi l-*firewall* tas-Socjeta` li kien jibblokkja lill-impjegati milli jkollhom access ghall-*internet*[49].

5.13. L-attitudni generali tar-Rikorrent mhix kompatibbli mar-relazzjoni li hija mehtiega bejn min ihaddem u l-impjegat.

---

[46] Pagni 5, u 6 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2017

[47] Ix-xiehda tas-Sur Alvarez f'pagna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2017

[48] Xiehda ta' Ms R. Galea, *HR Executive* tas-Socjeta`, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2017, pagna 7 tat-traskrizzjoni.

[49] Pagni 15, u 16 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017

5.14. Biex iddefenda lilu nnifsu r-Rikorrent irrikorra ghal allegazzjonijiet li ma jikkorrispondux mal-fatti[50]u dan ghamlu xjentement.

5.15. Is-Sur Raimondo xehed illi fit-tlett xhur illi dam jassisti lis-Sur Fernandez hadd mill-*Controllers* li kellu hamsa u ghoxrin *bus* x'jikkontrolla ma qallu li mhux qed ilahhaq.[51]

5.16. Ir-Rikorrent fl-ebda stadju tal-process dixxiplinarju ntern u lanqas matul is-seduti tat-Tribunal ma rrikonoxxa li naqas bil-kbir fil-qadi ta' dmirijietu, inkluz fir-relazzjoni tieghu mal-*employer* tieghu. F'mument minnhom xehed, "… jien m'inix qieghda li forsi jien ma zbaljajtx li ghidtlu, 'Isma', zidu n-nies aktar fil-Kumpanija ...,'" izda mmedjatament wara kompla, "… m'inix qed inghid illi ghamilt hazin jew ghamilt tajjeb ta jigifieri, ghax fil-fatt wara t-terminazzjoni tal-impjieg tieghi ziedu … n-nies … fl-opinjoni tieghi ma kenitx gusta."[52]

Jekk zdidux in-nies jew le la gie ippruvat u lanqas innegat. Ghat-Tribunal, anki jekk zdiedu n-nies wara t-terminazzjoni tal-impjieg tar-Rikorrent dana ma jiggustifikax l-atteggjament u r-rifjut tar-Rikorrent illi jaghmel xogholu. Jekk ir-Rikorrent kien jidhirlu genwinament illi l-Kumpanija setghet toffri servizz ahjar jekk izzid il-ghadd ta' mpjegati kellu joffri l-idea tieghu lis-Socjeta` jew jikkonvinci lill-Unjon bl-idea tieghu halli din tkun tista', jekk jidhrilha li jkun il-kaz, wara li hija taghmel ir-ricerka u l-verifiki li jidhrilha, tiddiskuti mas-Socjeta`. Suggeriment tal-impjegat ghall-meljorament ta' azjenda jitlef kull mertu jekk biex iwassal il-messagg l-impjegat jaqbad u minn jeddu jirrifjuta li jaqdi d-dmirijiet tal-impjieg tieghu.

5.17. Il-Minuti tas-seduta tal-Bord Dixxiplinarju ffirmati mis-Sur Reveriano Soutullo, *HR & Legal Director* tas-Socjeta`, u Ms Rachel Galea, li ma gewx ikkontestati, juru li parti mid-difiza li gab ir-Rikorrent kienet illi l-informazzjoni li s-Socjeta` kienet ippretendiet minn ghandu (il-*logs* tal-*performance* tal-karozzi tal-linja) setghet tingieb mill-*Bus Inspectors* li jkunu l-Belt. Jigifieri r-Rikorrent deherlu li kellu jindahal fl-operat tas-Socjeta` u jaghti lis-Socjeta` x'tifhem illi r-rwol tal-*Controllers* mas-Socjeta` kien zejjed! Anki kieku kellu ragun, il-mod kif ried jaghti l-messagg, permezz ta' sfida, kien inammissibbli.

5.18. L-attitudni tar-Rikorrent tohrog ukoll f'*email* datata t-18 ta' Novembru 2015 illi s-Sur Sandro Vella, ir-rapprezentant tieghu waqt is-smiegh ta' dixxiplina ntern li kienet ghamlet is-Socjeta`, baghat lis-Sur Conrad Pule` fejn kiteb illi, " … *he* (is-superjur tar-Rikorrent) *should have gone and checked why Mr Calleja was slow in allocating the buses*." Mela, ghar-Rikorrent it-tort kien tas-superjur tieghu u mhux tieghu!

[50] 5.6 ta' dis-Sentenza
[51] Pagna 13 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2017
[52] Pagna 12 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017

5.19. Wara l-incident tal-15 ta' Ottubru 2015 ir-Rikorrent ma kienx ta' min jafdah jahdem wahdu. L-ebda azjenda ma hija mistennija li toqghod tissupervizza kull impjegat. L-impjieg jimplika fiducja ntrinsika fl-impjegat. Jekk tali fiducja hija nieqsa minhabba *dereliction of duty* r-relazzjoni tal-impjegat mal-azjenda tkun mhedda. Meta tali *dereliction* tkun minhabba attitudni, kif huwa l-Kaz odjern, issir ta' natura gravi u jekk l-impjegat ma jurix determinazzjoni li jbiddel l-attitudni tieghu ma jkunx hemm triq ohra hlief illi r-relazzjoni tieghu/taghha mal-azjenda tinqata'.

5.20. Ir-Rikorrent ma weriex indiema ghall-aggravju li kkommetta meta nstalla (skond is-Socjeta`) jew ittanta jistalla' (skond ir-Rikorrent) *browser* minghajr l-awtorizzazzjoni tas-Socjeta' Ntimata. Huwa xehed illi, "… hemm differenza imma bejn tipprova tisraq ghal li sraqt."[53] Din hi attitudni deplorevoli f'impjegat. Ir-Rikorrent ma riedx jammetti li d-differenza bejn illi tistalla u li tipprova tistalla hija fl-effett attwali izda mhux fil-gravita` tal-intenzjoni; m'hemmx kontestazzjoni li l-*browser* kien fil-pussess tieghu fuq il-post tax-xoghol.

5.21. Huwa ma tax kaz jiggustifika l-agir tieghu meta s-Socjeta` hargitlu c-*charge*. Tant hu hekk illi t-twissija bil-miktub harget awtomatikament peress illi r-Rikorrent ma ndenjax ruhu jwiegeb fiz-zmien stipulat mis-Socjeta`.

L-aggravju ta' l-incident tat-22 ta' Marzu 2015 kien serju.

5.22. Ir-Rikorrent ma weriex rimors lanqas ghall-incident tal-15 ta' Ottubru 2015. L-uniku stanza fejn esprima possibilita` ta' gharfien li seta' zbalja kien fix-xiehda tieghu waqt is- seduta tat-23 ta' Novembru 2017[54] u anki din kienet ikkwalifikata ghall-ahhar.

5.23. Ir-Rikorrent kien espost ghat-tfittix tad-danni li s-Socjeta` setghet sofriet.

5.24. Matul is-seba' xhur illi dam qieghed qatt ma rregistra[55]mal-*Jobsplus* biex ighinuh isib impjieg u biex jihu tahrig li sata' kien offrut minnhom… Is-Sur Joseph Saliba, rapprezentant tal-Jobsplus, xehed illi, minhabba s-sitwazzjoni ta' *full employment*, kieku r-Rikorrent irregistra kien jihu l-assistenza shiha mill-bidu tar-registrazzjoni tieghu mal-*Jobsplus* avolja tkecca mill-impjieg. Ir-Rikorrent, fis-seba' xhur illi skond hu dam minghajr impjieg, jew kien qed jahdem fl-ekonomija sommersa, jew deherlu li ma kellux il-htiega tal-ghajnuna tal-*Jobsplus* biex isib impjieg alternattiv, jew ghazel illi ma jaghmilx kull ma seta' biex isib impjieg alternattiv. Il-fatt illi ma rregistrax skwalifikah milli jiehu l-beneficcju tal-qaghad mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali[56].

---

[53] Pagna 14 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017
[54] Pagna 12 tat-traskrizzjoni;
[55] Dok. JS2
[56] Xiehda ta' Dr Sean Apap Meli u tas-Sur Joseph Saliba fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2019

5.25. Is-Sur Raimondo xehed illi kien sorpriz bil-mod kif ir-Rikorrent wiegeb lis-superjur tieghu, is-Sur Fernandez[57].

5.26. Ir-Rikorrent qatt ma kien akkuzat illi ma lahhaqx xogholu. Xogholu kien jafu. Ma kienx hemm skuza li seta` ma lahhaqx max-xoghol fil-15 ta' Ottubru 2019 ghaliex kien ghadu principjant! Is-Sur Alvarez xehed fis-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2017[58] illi, "… for sure that from June till October he managed several times Gozo and Golden Bay." Mela r-Rikorrent kien kapaci jaghmel dak illi kien mistenni mill-post tieghu izda ddecieda li jisfida u jinjora l-istruzzjoni li nghata, liema struzzjoni ma kenitx mehtiega ghaliex kienet tikkonsisti f'illi r-Rikorrent jaqdi dmiru sewwa.

5.27. Ir-Rikorrent ma talabx lis-superjur tieghu ghall-ghajnuna.[59] Li talab ghall-ghajnuna kienet tkun ir-reazzjoni logika u pozittiva jekk huwa, skond kif allega, ma setax ilahhaq max-xoghol.

5.28. Ir-Rikorrent xehed illi, "Persuni li ma kenux ilahhqu fiz-zmien illi kien hemm jiena f'dak ix-xoghol … kien jigi s-Sur Fernandez ighidlek darb'ohra pprova … tella' aktar xoghol, oqghod attent aktar u daqshekk speci."[60] Dan ma kienx michud mis-Socjeta`. Ir-Rikorrent haseb illi l-bicca kienet se tieqaf hemm. Fix-xiehda tieghu r-Rikorrent qal illi ma kienx jistenna li jitkecca peress illi f'kazi li skond hu kienu simili u cioe` fejn Controllers ma lahhqux max-xoghol, is-Socjeta` appellatilhom biex jistinkaw aktar u l-kaz kien jieqaf hemm.

Ir-Rikorrent ma gabx provi ta' tali allegazzjoni. Ma xehedx per ezempju li f'kazi simili l-impjegat koncernat (a) baqa' sal-ahhar tax-xift jaghmel ta' rasu u ma ameljorax il-prestazzjoni tieghu, (b) ipprova jiggustifika n-nuqqas ta' prestazzjoni tieghu billi wahhal f'kawzi li r-records tal-Kumpanija kienu juru l-kuntrarju, (c) irreagixxa ghall-appell tas-Socjeta` billi qalilha b'ton aggressiv[61] biex iddahhal aktar rizorsi umani jekk riedet illi zzid il-produzzjoni. Jigifieri ma xehedx illi f'kazi simili l-impjegat koncernat irrifjuta li jobdi l-ordni tas-superjur tieghu. Ghaldaqstant it-Tribunal ma ghandux ghax jahseb illi r-Rikorrent kien iddiskriminat.

5.29. Id-difiza li gab waqt il-process dixxiplinarju ntern tal-Kumpanija kien illi ma satax ilahhaq bix-xoghol peress illi kellu hafna x'jaghmel biex isolvi proceduri li kellhom x'jaqsmu ma' hsarat u ma' kollizjonijiet tal-karozzi tal-linja. U meta l-Kumpanija ccekkjat ir-*records* sabet illi dan ma kienx minnu! Din kienet is-sitwazzjoni li s-Socjeta` kienet qed tiffaccja dwar l-incident tal-15 ta' Ottubru 2015,

---

[57] Pagna 12 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2017
[58] Pagna 6 tat-traskrizzjoni
[59] Xiehda tas-Sur Raimondo, Area Manager, pagna 12 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2017
[60] Pagna 13 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017
[61] Pagni 11, u 12 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2017: "… ir-risposta kienet daqsxejn b'ton aggressiv." U, "… kif hareg irrisponda lura r-risposta ma kinitx amikevoli …."

bil-prospett ta' multa li s-Socjeta` kien ikollha thallas, u bir-retroxena ta' l-incident serju tat-22 ta' Marzu 2015.

5.30. It-Tribunal jaqbel mat-tezi ta' Ms Rachel Galea, *HR Executive*, kif xehdet fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2017, "… jekk ghall-argument naf illi fil-kapacita` ta' xi hadd illi huwa mpjegat responsabilita` tieghi suppost jaghmel minn 1 sa 10 u qed jaghmel minn 1 sa 2 u qed ighidli, 'Ma nistax naghmel minn 1 sa 10,' ghalija dak rifjut."[62]

5.31. Certament illi r-Rikorrent, nhar l-incident, ma kellux taghbija ta' xoghol eccezzjonali. Is-Sur Raimondo: "Tista' … tinzerta xift li jkollok sittin bus."[63]Ir-Rikorrent, fl-incident tal-15 ta' Ottubru 2015 kellu hamsa u ghoxrin *bus*!

Ir-Rikorrent stess ammetta illi t-traffiku fuq ir-rotta ta' Ghawdex ma kienx qawwi. Fil-fatt huwa semma li jkun hemm traffiku f'Santa Marija[64]. Dil-festa tahbat f'Awwissu, mentri l-incident sar f'Ottubru. U anki, dak in-nhar tal-incident, il-15 ta' Ottubru, la kienet tmiem il-gimgha u lanqas fi stagun li fih it-traffiku f'Ghawdex u Ghajn Tuffieha jkun sfiq! Is-Sur Alvarez xehed, "… we are talking about routes of sixty/ninety minutes' frequency …."[65]Mela ma satax igib l-iskuza tat-traffiku ghax ma setax ilahhaq meta qam l-incident. Skond il-Minuti, li ma gewx ikkontestati, ta' Dok. MPT10, bhala medja, Controller kien ikollu minn 40 sa 50 bus assenjati lilu, filwaqt illi r-Rikorrent kellu 25.

5.32. Kien hemm qbil bejn il-Partijiet illi s-Socjeta` segwiet process dixxiplinarju li kien ragjonevoli u gust meta fliet il-Kaz u waslet ghad-decizjoni ta' tkeccija.[66]

5.33. Is-Socjeta` giet soggetta ghal danni finanzjarji minhabba r-rifjut tar-Rikorrent illi jaghmel xogholu.

5.34. L-Artiklu 80 (1) tal-Kap 452 ighid illi, "Fil-ghoti ta' kull sentenza, … it-Tribunal jista' jqis il-politika socjali u ekonomika … li jkunu jipprevalu fiz-zmien tal-pronunzjament tieghu jekk huwa jqis illi dawn ikunu rilevanti ghad-determinazzjoni tal-kaz li jkollu quddiemu."

Ai termini ta' dal-Artiklu, it-Tribunal jirrileva li s-Socjeta` inghatat sussidju finanzjarju mill-fondi pubblici ta' kwazi € 23 miljun fis-sena li tkecca r-Rikorrent, u ta' madwar € 29 miljun jekk tibbaza s-sussidju tas-sena kurrenti fuq l-ewwel tlett xhur ta' dis-sena.[67] Ghalhekk huwa d-dmir ta' kull impjegat tas-Socjeta` li jaghti hiltu kollha biex ikun immassimizzat il-valur aggunt minn tali sussidju.

---

[62] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-16 ta' Marzu 2017
[63] Pagna 9 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-9 ta' Frar 2017
[64] Pagna 18 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017
[65] Pagna 9 tat-traskrizzjoni tat-3 ta' Novembru 2016
[66] Pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-4 ta' Lulju 2019: "Kif qal tajjeb il-kollega ma sarux xi tip ta' attakki lejn il-procedura li hadet il-Kumpanija."
[67] Twegiba Parlamentari moghtija nhar il-20 ta' Marzu 2019

It-trasport pubbliku huwa wkoll servizz socjali bit-tir tal-politika socjali li qed tipprevali illi gradwalment it-trasport pubbliku (karozzi tal-linja) ikun offrut minghajr hlas lil aktar setturi tal-pubbliku.[68] Ghalhekk l-impjegati tas-Socjeta` ghandhom responsabbilta` mhux biss lejn is-Socjeta` bhala *employer* izda wkoll lejn il-pubbliku, li qieghed iwiezen is-sors tal-pagi tal-impjegati tas-Socjeta` u li minhabba f'hekk jistenna servizz ta' trasport pubbliku efficjenti. Attitudni bhal dik murija mir-Rikorrent mhix kompatibbli ma' tali xenarju.

Hawnhekk izda t-Tribunal irid jaghmilha cara li billi t-trasport pubbliku ghandu nfluwenza qawwija fuq l-ekonomija u ghandu wkoll aspett socjali mportanti ma jfissirx illi tali responsabbilta` ghandu jgorrha biss l-impjegat.

L-aspett ekonomiku u socjali tas-servizz tat-trasport pubbliku jobbliga lil min ihaddem illi jassigura li r-rizorsi tieghu, u fosthom dawk umani, ikunu kkalibrati tajjeb. Fil-kaz tar-rizorsa umana dan isir permezz ta' (a) kundizzjonijiet ta' mpjieg xierqa, (b) tahrig regolari, (b) appraisals perjodici tal-prestazzjoni tal-impjegat b'rispett lejn id-dinjita` u l-izvilupp personali ta' l-impjegat, (c) disseminazzjoni cara u regolari tal-*policies*, tar-regoli, u tal-proceduri ta' l-azjenda u (d) komunikazzjoni hajja, diretta, personali, u cara b'opportunita` ta' vera lill-impjegat biex isaqsi u jissuggerixxi l-idejat tieghu ta' kif ix-xoghol jista' jsir ahjar, u (e) dana kollu fi spirtu ta' fiducja reciproka bejn l-employer u l-impjegat.

**Konkluzjoni**

Ir-Rikorrent:

fl-incident tal-15 ta' Ottubru 2015 ikkommetta insubordinazzjoni serja peress illi (a) irrifjuta li jaghmel il-qofol tad-dmirijiet illi ghalihom kien impjegat, minkejja li s-superjur tieghu gibidlu l-attenzjoni u li appellalu biex jezegwixxi tali dmirijiet, u tali nsubordinazzjoni mplikat dannu finanzjarju ghas-Socjeta`, (b) ir-Rikorrent gebbed id-durata tal-insubordinazzjoni msemmija ghall-kumplament tax-xift, u cioe` ghal seba' sighat minn meta s-superjur tieghu qallu biex jaqdi dmirijietu kif suppost, u dan bi sfida ghas-Socjeta`;

ipprova jinganna lis-Socjeta` billi pprova jigggustifika t-tali nsubordinazzjoni tieghu billi gab ragunijiet illi kienu ferm 'il boghod mill-verita` kif din tidher mir-*records* tas-Socjeta`, liema *records* gew accettati mir-Rikorrent innifsu ; u

fl-ebda stadju tal-process dixxiplinarju ntern ma wera ammissjoni li huwa gab ruhu hazin ferm u ghalhekk ma ta l-ebda ndikazzjoni lis-Socjeta` li kien se jbiddel l-attitudni hazina tieghu.

L-assjem ta' dat-tlett aggravji serji kontra s-Socjeta`, flimkien mal-aggravju serju l-iehor dwar il-vjolazzjoni tas-sistema tal-*IT* tas-Socjeta` jikkostitwixxu *misconduct* serju ripetut li kisser irrimedjabilment dik ir-rabta ta' fiducja, lejalta`, u mpenn illi hija essenzjali fir-relazzjoni ta'

[68] Pagna 37 tad-Diskors tal-*Budge*t 2019

bejn l-employer u l-impjegat, u ghalhekk is-Socjeta` ma kellhiex ghazla ohra hlief dik illi tittermina l-impjieg tar-Rikorrent.

**Decizjoni**

Wara li fela r-rikors tas-Sur Charlton Calleja, ir-risposta ta' *Malta Public Transport Services (Operations) Limited*, id-dokumentazzjoni kollha li ngiebet ghall-attenzjoni tat-Tribunal, ix-xiehda kollha li nstemghet mit-Tribunal, is-sottomissjonijiet finali taz-zewg partijiet u rrifletta sewwa fuq il-kunsiderazzjonijiet illi ghamel kif elenkati f'dal-process it-Tribunal jaqta' li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-Rikorrent minn mas-Socjeta` kienet wahda gusta u ghalhekk ma jilqax it-talbiet tar-Rikorrent kif esposti fir-rikors promotur.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali 48 tal-1986 rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed.

It-Tribunal zamm tmintax il-seduta dwar dal-Kaz. Ghall-iskopijiet ta' Artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi dal-Kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-Ligi minhabba differimenti moghtija fuq talba taz-zewg partijiet kif ukoll minhabba ragunijiet amministrattivi.

B'hekk tintemm dil-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**

Joseph Delia

Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Ghas-Segretarju